MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1172/2011

**Christopher Attard**
**(I.D. Numru 402867 (M))**

**vs**

**IKO Limited**
**(C – 32296)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat il-25 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikat sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti zviluppa korp ta' bini jismu "*Maple Leaf Court*", Triq Alessio Erardi, Haz-Zabbar, konsistenti fl-appartamenti, *penthouses*, *maisonettes*, hanut u garaxxijiet minnu hemm indikati;

2. Illi ghall-*finishings* tal-imsemmi kumpless, inkluz stallazzjoni ta' dawl u ilma, kisi, tqeghid ta' madum u sistema tad-dranagg, inkariga lis-socjeta` ntimata bhala appaltatur "*turnkey*";

3. Illi r-rikorrenti biegh l-istess strutturi fuq indikati u meta bdew jintuzaw irrizulta li x-xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta` appaltatrici ntimata kien skadenti u mhux skont is-sengha u l-arti, u allura, l-akkwirenti ntavolaw diversi lanjanzi mar-rikorrenti in konsegwenza tal-istess;

4. Illi r-rikorrenti ta l-possibilita` lis-socjeta` ntimata biex tirrimedja d-difetti riskontrati, ghalkemm inutilment u kien kostrett jipprocedi direttament ghall-eliminazzjoni tal-istess difetti billi jinkariga terzi ghal dan il-ghan;

5. Illi konsegwentement ir-rikorrenti sofra danni ingenti li ghalihom kienet biss responsabbli s-socjeta` ntimata;

6. Illi ghaldaqstant talab lil din il-qorti biex:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li x-xoghol ezegwit, jew parti minnu, mis-socjeta` ntimata fil-bini fuq riferit, ma sarx skont is-sengha u l-arti;

ii. Tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti mis-socjeta` ntimata, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti l-prezz imhallas mir-rikorrenti lil terzi nkarigati biex jirrimedjaw id-difetti riskontrati fuq riferiti;

iii. Tordna lis-socjeta` ntimata thallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

iv. Tiddikjara u tiddeciedi li konsegwenza tax-xoghol ezegwit mis-socjeta` ntimata, r-rikorrenti sofra danni li ghalihom hi unikament responsabbli l-istess socjeta` ntimata;

v. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo permezz ta’ periti nominandi;

vi. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata in linja ta’ danni;

vii. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kontra s-socjeta` ntimata;

Tissottolinea li s-socjeta` ntimata giet debitament notifikata skont il-ligi permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni, (ara fol 29-31);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` ntimata datat id-19 t’April, 2012, li permezz tieghu informa lill-qorti fost affarijiet ohra, li s-socjeta` ntimata taghti ruhha b’notifikata bir-rikors promotur u talbet zmien biex tirrispondi ghall-istess, (ara fol 35);

Rat id-digriet taghha wkoll datat id-19 t’April, 2012, li permezz tieghu ikkoncediet lis-socjeta` ntimata ghoxrin (20) gurnata mill-imsemmija data, ghar-risposta, (ara fol 35);

Rat il-verbal datat id-9 t’Ottubru, 2012, li permezz tieghu gie sottolineat li nonostante dak indikat fil-paragrafu precedenti, s-socjeta` ntimata m’ottemporatx ruhha mal-koncessjoni lilha moghtija kif indikat fil-paragrafu precedenti, u ghalhekk kienet tinsab fi stat ta’ kontumacja, (ara fol 43);

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti fuq indikati, l-fatti rizultanti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Attard zviluppa l-korp ta’ strutturi edilizji fuq indikati u nkariga lis-socjeta` ntimata

bhala “*turnkey contractor*”, appaltatur, biex teffettwa l-“*finishings*” fuq ukoll indikati;

2. Illi ghalkemm l-istess rikorrenti kien personalment gibed l-attenzjoni f’diversi okkazjonijiet li x-xoghlijiet ezegwiti kienu skadenti, l-istess rapprezentanti tas-socjeta` ntimata assigurawh li dan ma kienx minnu;

3. Illi meta eventwalment l-istrutturi nbieghu lil terzi u bdew jigu utilizzati u abitati, il-preokkupazzjonijiet tar-rikorrenti gew kollha esposti u kkonfermati u beda ghalhekk jircievi kwantita` skonsiderata ta’ lmenti;

4. Illi r-rikorrenti malajr sab ruhu f’sitwazzjoni li kellu jaghmel tajjeb ghax-xoghol skadenti u mhux skont is-sengha u l-arti tas-socjeta` ntimata minnu appaltata u kellu jirrikorri ghal terzi biex jirripristina s-sitwazzjoni;

5. Illi s-suespost jirrizulta wkoll assodat mix-xhieda tal-kompraturi tal-istrutturi prodotti fil-procedura, (ara fol 44 *et sequitur*);

6. Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti kien allura kostrett jizborza s-somma ta’ sitta u erbghin elf, sitt mija u sebgha u tmenin Ewro u erbgha u hamsin centezmu, (€46,687.54), biex jirrimedja s-sitwazzjoni mbarazzanti li sab ruhu fiha in konsegwenza tax-xoghol skadenti tas-socjeta` ntimata;

7. Illi *di piu`*, stante n-nuqqqas ta’ kontradittorju *da parte* tas-socjeta` ntimata billi naqset li turi nteress fil-procedura u tibqa’ kontumaci nonostante l-opportunita` lilha moghtija biex tirrispondi, din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li tqis il-verzjoni fuq sintetikament esposta bhala riflessjoni vera tal-akkadut;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-qorti takkolji t-talbiet tar-rikorrenti kif ser jigi stabbilit aktar l’isfel u konsegwentement:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li x-xoghol ezegwit, jew parti minnu, mis-socjeta` ntimata fil-bini fuq riferit, ma sarx skont is-sengha u l-arti;

2. Tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti Christopher Attard mis-socjeta` ntimata IKO Limited fl-ammont ta' sitta u erbghin elf, sitt mija u sebgha u tmenin Ewro u erbgha u hamsin centezmu, (€46,687.54), kif fuq indikat, liema ammont jirrapprezenta l-prezz imhallas mir-rikorrenti lil terzi nkarigati biex jirrimedjaw id-difetti riskontrati;

3. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata IKO Limited biex thallas l-ammont hekk likwidat indikat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti Christopher Attard;

4. Bl-ispejjez tas-suespost kontra s-socjeta` ntimata u bl-imghaxijiet legali dovuti mill-25 ta' Novembru, 2011, sad-data tal-effettiv pagament;

5. Illi rigward it-talbiet tar-rikorrenti enumerati 4-5-6 fir-rikors promotur tieghu, ghandu jinghad li r-rikorrenti ma ressaq l-ebda prova fir-rigward u konsegwentement stante li l-allegazzjoni riportata mhux pruvata, dawn it-talbiet qed jigu respinti, bl-ispejjez ghal dawn it-talbiet ikunu kontra r-rikorrenti.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------